# 114. Monotonija

***(Ħdejn il-Fanal ta' Delimara)***

Il-Fanal
bħall-pappagall
jaf żewġ kelmiet:
kelma bajda
kelma ħamra,
imtennija
fuq il-għolja waħdenija
minn xħin jidlam sa xħin jisbaħ;
x'waħda din x'monotonija...

Il-għassiesa tal-Fanal
saru bħalu pappagall,
jafu jgħidu kelmtejn biss:
kelma bajda,
kelma ħamra.
kull ma jafu iżjed minnu
hija l-ġrajja ta' vapur
li ma rax il-kelma ddur,
baqa' dieħel fuq il-blat,
u sar trietaq, miet kulħadd,
ġrajja mdejqa,
imtennija
fuq il-għolja waħdenija,
x'waħda din x'monotonija!